# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/301

**tal-24 ta' Frar 2022**

**li jestendi d-dazju kumpensatorju definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta ("GFF") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") għall-importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk jew le, u li jtemm l-investigazzjoni dwar iċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri kumpensatorji imposti bir-Regolament (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' GFF li joriġinaw fl-Eġittu minn importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk jew le**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

### 1.1. Miżuri eżistenti

(1) F'Ġunju 2020, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 ([2]), il-Kummissjoni imponiet dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta (glass fibre fabrics, "GFF") li joriġinaw mir-RPĊ u mill-Eġittu, rispettivament ("l-investigazzjoni antisussidji oriġinali"). Il-miżuri antisussidji ħadu l-forma ta' dazju *ad valorem* li jvarja bejn 17 % u 30,7 % għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ u dazju *ad valorem* ta' 10,9 % għall-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Eġittu.

### 1.2. It-talba

(2) Il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikoli 23(4) u 24(5) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri kumpensatorji imposti fuq l-importazzjonijiet ta' GFF li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu, u biex tagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni.

(3) It-talba tressqet fid-19 ta' Mejju 2021 minn TECH-FAB Europe e.V, assoċjazzjoni ta' produtturi tal-UE tal-GFF ("l-applikant").

(4) It-talba kien fiha biżżejjed evidenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi esportazzjonijiet miċ-Ċina, mill-Eġittu u mill-Marokk lejn l-Unjoni li kienet seħħet wara li ġew imposti l-miżuri fuq il-GFF. Deher li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ nibtet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju

(5) Barra minn hekk, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza li turi li l-prattika, il-proċess jew ix-xogħol kienu qed jimminaw l-effetti ta' rimedju tal-miżuri kumpensatorji eżistenti f'termini tal-kwantità u l-prezzijiet. Jidher li daħlu volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat fis-suq tal-UE. Barra minn hekk, kien hemm biżżejjed evidenza li saru importazzjonijiet ta' GFF bi prezzijiet dannużi.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 tat-12 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 li jimponi dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU L 189, 15.6.2020, p. 1).

(6) Fl-aħħar nett, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza li l-prodott investigat u/jew partijiet minnu għadhom jibbenefikaw mis-sussidju. Tabilħaqq, il-prodott investigat u l-partijiet tiegħu ġew prodotti u esportati lejn il-Marokk minn kumpaniji fiċ-Ċina u l-Eġittu li nstab li jirċievu sussidji kumpensabbli għall-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott investigat taħt il-miżuri eżistenti.

### 1.3. **Il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat**

(7) Il-prodott ikkonċernat huwa tessuti ta' rovings u/jew raden ta' filamenti kontinwi tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta b'elementi oħrajn jew le, ħlief prodotti li huma imprenjati jew preimprenjati (pre-preg), u ħlief materjali tal-għarbiel miftuħ b'ċelloli b'daqs ta' aktar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m$^2$, ikklassifikati fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/776 taħt il-kodiċijiet NM ex 7019 39 00, ex 7019 40 00, ex 7019 59 00 u ex 7019 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 7019 39 00 80, 7019 40 00 80, 7019 59 00 80 u 7019 90 00 80) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu ("il-prodott ikkonċernat"). Dan huwa l-prodott li l-miżuri fis-seħħ bħalissa japplikaw għalih.

(8) Il-prodott investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM *ex* 7019 61 00, *ex* 7019 62 00, *ex* 7019 63 00, *ex* 7019 64 00, *ex* 7019 65 00, ex 7019 66 00, *ex* 7019 69 10, *ex* 7019 69 90, *ex* 7019 72 00, *ex* 7019 73 00, *ex* 7019 80 10, *ex* 7019 80 90, u ex 7019 90 00, iżda konsenjat mill-Marokk, sew hux iddikjarat li joriġina mill-Marokk jew le (kodiċijiet TARIC 7019 61 00 81, 7019 62 00 81, 7019 63 00 81, 7019 64 00 81, 7019 65 00 81, 7019 66 00 81, 7019 69 10 81, 7019 69 90 81, 7019 72 00 81, 7019 73 00 81, 7019 80 10 81, 7019 80 90 81, u 7019 90 00 81) ("il-prodott investigat") ([3]).

(9) L-investigazzjoni wriet li l-GFF esportat miċ-Ċina u l-Eġittu lejn l-Unjoni u dak konsenjat mill-Marokk, sew jekk joriġinax mill-Marokk jew le, għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi, u għaldaqstant jitqiesu bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

### 1.4. **Bidu**

(10) Wara li ddeterminat, wara li infurmat lill-Istati Membri, li kien hemm biżżejjed evidenza biex tinbeda investigazzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 23 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni rigward ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri kumpensatorji permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/863 tat-28 ta' Mejju 2021 ([4]) ("ir-Regolament tal-bidu"). Bis-saħħa tal-Artikoli 23(4) u 24(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament tal-bidu, ordnat ukoll lill-awtoritajiet doganali biex jirreġistraw importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk u sew jekk le.

### 1.5. **Kummenti dwar il-bidu**

(11) LM Wind Power, manifattur tal-pali għar-riħ stabbilit fl-Unjoni, qal li l-bidu tal-investigazzjoni rigward iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri kumpensatorji ma kienx ġustifikat minħabba li ma kienx hemm biżżejjed evidenza dwar il-fatturi stipulati fil-paragrafi 1, 2 u 3 u tal-Artikolu 23 tar-Regolament bażiku.

(12) Hija argumentat li, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3), irid ikun hemm biżżejjed evidenza ta' prattika, proċess jew xogħol li jkunu definiti bħala:

— il-modifika sottili tal-prodott ikkonċernat sabiex jaqa' taħt kodiċijiet doganali li normalment mhumiex soġġetti għall-miżuri, dment li l-modifika ma talterax il-karatteristiċi essenzjali tiegħu;

([3]) Il-kodiċijiet NM u TARIC imsemmija hawn fuq se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022 u huma bbażati fuq ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 tat-12 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 385, 29.10.2021, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/863 tad-28 ta' Mejju 2021 li jiftaħ investigazzjoni li tikkonċerna ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri kompensatorji imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu permezz ta' importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta kkonsenjati mill-Marokk, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk u sew jekk le, u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet suġġetti għal reġistrazzjoni (ĠU L 190, 31.5.2021, p. 76).

— il-kunsinna tal-prodott soġġett għal miżuri minn pajjiżi terzi;

— ir-riorganizzazzjoni mill-esportaturi jew produtturi tax-xejriet tagħhom u tal-kanali tal-bejgħ fil-pajjiż soġġett għal miżuri sabiex eventwalment il-prodotti tagħhom jiġu esportati lejn l-Unjoni permezz ta' produtturi li jibbenefikaw minn rata individwali ta' dazju li tkun inqas minn dik applikabbli għall-prodotti tal-fabbrikanti.

(13) LM Wind Power innutat b'mod partikolari li t-talba kif imsemmija fil-premessa (2) kien fiha b'mod partikolari allegazzjonijiet rigward operazzjonijiet tal-assemblaġġ u trażbord, fuq liema bażi l-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni. L-argument ewlieni tagħha kien li l-allegazzjonijiet dwar operazzjonijiet ta' assemblaġġ li kienu qed isiru l-Marokk kienu irrelevanti għall-bidu ta' investigazzjoni dwar ċirkomvenzjoni tal-miżuri antisussidji. Skont dan l-utent, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku, għall-kuntrarju tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku dwar l-antidumping ([5]), ma jelenkax l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ bħala prattika, proċess jew ħidma li tikkostitwixxi ċirkomvenzjoni. Għalhekk, LM Wind Power talbet li l-Kummissjoni ttemm din l-investigazzjoni immedjatament.

(14) L-awtoritajiet Eġizzjani qalu li l-involviment tagħhom fl-investigazzjoni attwali ma kienx ġust, ladarba ma saret l-ebda prattika ta' ċirkomvenzjoni fl-Eġittu. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Eġizzjani qalu li l-proċeduri kollha meħtieġa ttieħdu fl-Eġittu biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni mill-investigazzjoni antidumping oriġinali. Huma argumentaw ukoll, simili għal dak li qalet LM Wind Power, li kien hemm nuqqas ta' evidenza biex tiġi ppruvata ċ-ċirkomvenzjoni fil-forma ta':

— operazzjonijiet ta' assemblaġġ fil-Marokk li jinvolvu l-esportazzjoni ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ mill-Eġittu jew;

— it-trażbord bejn il-Marokk u l-UE li jinvolvi l-GFF mill-Eġittu.

(15) L-awtoritajiet Marokkini talbu lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li PGTEX Morocco SARL ma kinitx qed tiċċirkomvjeni l-miżuri imposti mill-Unjoni u biex ittemm l-investigazzjoni li kienet għaddejja. Huma qalu li l-istabbiliment ta' PGTEX Morocco SARL fil-Marokk kien ir-riżultat ta' sħubija awtentika u fit-tul, li tinvolvi l-Grupp PGTEX ([6]) u l-Marokk. Qalu wkoll li l-proċess tal-produzzjoni ta' PGTEX Morocco SARL kien jinvolvi investimenti sinifikanti u operazzjonijiet estensivi, u li kien jikkontribwixxi għall-ekonomija Marokkina. B'riżultat ta' dan, anke jekk tkun tista' tiġi stabbilita bidla fix-xejra tal-kummerċ, ma jidhirx li din tkun kaġun ta' prattika ta' ċirkomvenzjoni. Finalment, l-awtoritajiet Marokkini qalu li l-istatistiċi uffiċjali tagħhom kienu juru l-allegazzjoni tal-applikant li PGTEX Morocco SARL kienet iċċirkomvjeniet il-miżuri fis-seħħ permezz ta' trażbord.

(16) Fir-rigward ta' dak li ntqal rigward l-għoti ta' bidu msemmi qabel, il-Kummissjoni fakkret li l-investigazzjoni kienet inbdiet fuq il-bażi ta' evidenza pprovduta fit-talba. Filwaqt li l-investigazzjoni ma setgħetx tikkonferma l-eżistenza ta' trażbord mingħajr operazzjonijiet ta' assemblaġġ, hija sabet evidenza ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ jew tlestija. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku juża b'mod espliċitu l-kliem *"inter alia"*, u b'hekk ikopri prattiki ta' ċirkomvenzjoni, bħal operazzjonijiet ta' assemblaġġ, li mhumiex elenkati espliċitament fl-Artikolu. It-talba pprovdiet biżżejjed evidenza ([7]) tal-eżistenza ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ u li dawn l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ saru bl-użu ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ mir-RPĊ u l-Eġittu ([8]).

(17) It-talba pprovdiet ukoll biżżejjed evidenza dwar in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni ekonomika għajr id-dazji, bħar-Rapport Annwali tal-2019 ta' PGTEX China. Skont dan ir-rapport, ir-raġuni ewlenija tal-istabbiliment ta' PGTEX Morocco SARL kien *"li attivament tirrispondi għall-investigazzjoni antidumping tal-UE kontra ċ-Ċina, li tottimizza u taġġusta l-istrateġija ta' internazzjonalizzazzjoni tagħha, tikkonsolida u żżid is-sehem mis-suq tal-prodotti fl-Ewropa u l-Istati Uniti, tissodisfa d-domanda tal-konsumaturi, u tipproteġi l-provvista tal-konsumaturi"* u b'mod partikolari li PGTEX *"iddeċidiet li twaqqaf sussidjarja totalment sjieda tagħha fil-Marokk biex tegħleb l-investigazzjonijiet tal-antidumping tal-UE, tavviċina l-konsumaturi, tilħaq id-domanda tas-suq, u tadatta għall-iżvilupp sostenibbli"* ([9]). L-investigazzjoni antidumping separata msemmija espliċitament twettqet b'mod parallel mal-investigazzjoni antisussidji, li wasslet għall-impożizzjoni tad-dazji kumpensatorji. Għalhekk, din id-dikjarazzjoni turi l-intenzjoni li jiġu evitati d-dazji li jirriżultaw mill-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

(18) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjonijiet imressqa minn LM Wind Power, u mill-awtoritajiet Marokkini u Eġizzjani li t-talba ma kienx fiha biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

([6]) Ara wkoll il-premessi (36) u (37) għal deskrizzjoni tal-Grupp PGTEX.

([7]) Ara t-talba, verżjoni miftuħa, punti 40 sa 42, paġna 10.

([8]) Ara t-talba, verżjoni miftuħa, punt 29, paġna 8 u punt 41, paġna 9.

([9]) Ara t-talba, verżjoni miftuħa, punti 26 sa 27, il-paġni 7 u 8.

1.6. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu ta' rapportar**

(19) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni", jew "PI"). Qabel l-2019, ma kienx hemm volumi sinifikanti ta' esportazzjoni tal-GFF mill-Marokk lejn l-Unjoni. Inġabret *data* għall-PI biex tiġi investigata, fost l-oħrajn, il-bidla allegata fix-xejra tal-kummerċ wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, u l-eżistenza ta' prattika, proċess jew xogħol li għalihom m'hemmx biżżejjed kawża dovuta jew ġustifikazzjoni ekonomika għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Inġabret *data* aktar dettaljata għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu ta' rapportar" jew "PR") sabiex jiġi eżaminat jekk l-importazzjonijiet kinux qed jimminaw l-effett ta' rimedju tal-miżuri fis-seħħ f'termini ta' prezzijiet u/jew kwantitajiet u l-eżistenza tas-sussidjar.

1.7. **Investigazzjoni**

(20) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-awtoritajiet taċ-Ċina, tal-Eġittu u tal-Marokk, lill-produtturi esportaturi f'dawk il-pajjiżi, lill-industrija tal-Unjoni u lill-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk dwar il-bidu tal-investigazzjoni.

(21) Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Marokk għall-Unjoni Ewropea biex tipprovdilha l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi esportaturi u/jew l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni għajr PGTEX Morocco SARL, l-uniku produttur tal-prodott investigat skont it-talba. L-awtoritajiet Marokkini ppreżentaw tweġiba, li telenka tliet kumpaniji oħra. Tnejn minn dawk il-kumpaniji ma ppreżentawx ruħhom, it-tielet waħda ppreżentat ruħha iżda ddikjarat li ma kinitx tesporta GFF lejn l-Unjoni.

(22) Formoli ta' talba għal eżenzjoni għall-produtturi/esportaturi fil-Marokk, kwestjonarji għall-produtturi/esportaturi fiċ-Ċina u l-Eġittu, u għall-importaturi fl-Unjoni kienu disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ KUMMERĊ.

(23) PGTEX Morocco SARL biss ippreżentat formola ta' talba għal eżenzjoni u talbet ukoll seduta, li saret fil-21 ta' Ġunju 2021. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (45), il-Grupp PGTEX talab u ġie mistieden għal seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni fl-10 ta' Jannar 2022, u għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi Proċedimenti Kummerċjali fit-12 ta' Jannar 2022.

(24) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fiż-żmien stipulat fir-Regolament ta' bidu. Il-partijiet kollha ġew infurmati li jekk ma jippreżentawx l-informazzjoni rilevanti kollha jew jekk jissottomettu informazzjoni inkompluta, falza jew qarrieqa, dan jista' jwassal biex jiġi applikat l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u biex is-sejbiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli.

(25) Fl-20 ta' Diċembru 2021 (il-jum tal-iżvelar), il-Kummissjoni rċeviet sottomissjoni (datata t-16 ta' Diċembru 2021) mill-awtoritajiet Marokkini, li kienet tard wisq biex titqies fl-istadju tal-iżvelar. Wara l-iżvelar, l-awtoritajiet Marokkini bagħtu t-tieni sottomissjoni, li ġabret fil-qosor is-sottomissjoni tagħhom tas-16 ta' Diċembru 2021. Essenzjalment, l-awtoritajiet Marokkini tennew it-talba tagħhom li l-investigazzjoni tintemm u ressqu l-argumenti li ġejjin.

(26) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Marokkini qalu li l-GFF huwa mmanifatturat mill-PGTEX Morocco SARL permezz ta' attivitajiet li ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala operazzjoni ta' tlestija jew ta' assemblaġġ. It-tieni, qalu li dawn il-prodotti huma "originarji" fil-Marokk fis-sens tal-Artikolu 29 ([10]) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk ([11]) u spjegata aktar fid-dettall skont ir-regoli tal-lista li tinsab fl-Anness II tal-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk, *"prodotti li joriġinaw fil-Marokk għandhom jiġu importati fil-Komunità ħielsa minn dazji doganali u ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti"* u li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk jipprevedi biss għal xi eċċezzjonijiet. Din l-oriġini preferenzjali ġiet ikkonfermata wkoll mill-Amministrazzjoni Doganali Marokkina, li ħarġet ċertifikati ta' oriġini preferenzjali (EUR.1) għall-esportazzjonijiet ta' GFF tal-PGTEX lejn l-UE bis-saħħa tal-Artikolu 17 tal-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk.

([10]) Skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk, *"il-kunċett ta' 'prodotti oriġinarji' għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan it-titolu u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva relatati miegħu huma stabbiliti fil-Protokoll 4"*. F'dan ir-rigward, il-GFF jaqa' taħt l-intestatura 7019 tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata u għalhekk ingħata oriġini preferenzjali skont ir-regoli tal-lista li jinsabu fl-Anness II tal-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk.

([11]) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

(27) Il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjoni li l-ipproċessar fil-Marokk ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ importati fil-GFF ma setax jiġi kkwalifikat bħala operazzjoni ta' assemblaġġ jew tlestija. Kif imsemmi fil-premessa (16), l-istandards legali li jinsabu fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku antidumping jistgħu jintużaw b'analoġija fil-valutazzjoni tal-każ antisussidji fil-kuntest tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 13(2) tar-Regolament antidumping bażiku ma jkoprix biss l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' (diversi) partijiet fi prodott lest, iżda wkoll l-operazzjonijiet ta' tlestija/konverżjoni ta' prodotti intermedjarji fil-prodott ikkonċernat. Dan isegwi, partikolarment mill-punt (b) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku antidumping, li jistipula li "*...fejn il-valur miżjud mal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew ta' kompletazzjoni, ikun ikbar minn ...*" Barra minn hekk, il-fatt li l-awtoritajiet doganali Marokkini ħarġu ċertifikati EUR.1 lil PGTEX Morocco SARL, li jikkonfermaw l-oriġini preferenzjali tagħhom skont il-ftehim ta' assoċjazzjoni, huwa irrelevanti, minħabba li l-bażi ġuridika applikabbli hija r-Regolament bażiku, b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu ([12]).

(28) Barra minn hekk, wara l-iżvelar, l-awtoritajiet Marokkini, appoġġati minn PGTEX Morocco SARL, qalu li l-investigazzjoni antiċirkomvenzjoni ma kinitx permessa skont l-Artikolu 24 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk, billi dan l-Artikolu jippermetti biss l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping fuq prodotti Marokkini jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ.

(29) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni billi l-Artikolu 24 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk ma jipprekludi l-ebda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, anki minħabba l-fatt li dan l-Artikolu jirreferi wkoll għal-leġiżlazzjoni interna relatata. Meta l-Marokk u l-UE rratifikaw il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-2000, ir-Regolament bażiku applikabbli diġà kien fih dispożizzjonijiet kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

(30) Finalment, l-awtoritajiet Marokkini, kif ukoll PGTEX Morocco SARL, allegaw li l-investigazzjoni antiċirkomvenzjoni tal-Kummissjoni ma kinitx permessa skont ir-regoli tad-WTO, b'mod partikolari skont l-Artikolu VI tal-GATT u l-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI.

(31) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni u rreferiet għall-paragrafu 18 tal-preambolu tar-Regolament bażiku ([13]) li jippreżenta l-approċċ tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Fuq il-bażi ta' dan, bħal ħafna membri oħra tad-WTO, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fiha dispożizzjonijiet biex jiġu indirizzati l-prattiki taċ-ċirkomvenzjoni.

## 2. **IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

### 2.1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(32) F'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' evażjoni saret billi ġie analizzat suċċessivament:

— kien hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn pajjiżi terzi (iċ-Ċina, l-Eġittu u l-Marokk) u l-Unjoni,

— jekk din il-bidla nbtitx minn xi prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma kienx hemm raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju,

— jekk kienx hemm evidenza ta' dannu jew jekk l-effetti rimedjali tad-dazju kinux qed jiġu mhedda f'termini ta' prezzijiet u/jew ta' kwantitajiet tal-prodott simili, u

— il-prodott simili importat u/jew partijiet minnu għadhom ibbenefikaw mis-sussidju.

([12]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2019, il-Kawża C-709/17P, *il-Kummissjoni Ewropea vs Kolachi Raj Industrial (Private) Ltd*, ECLI:EU:C:2019:717.

([13]) Il-premessa 18 tar-Regolament bażiku tikkodifika dan l-approċċ kif ġej: *"Minkejja li l-Ftehim dwar is-Sussidji ma fihx dispożizzjonijiet dwar l-evażjoni minn miżuri kumpensatorji, il-possibbiltà ta' tali evażjoni teżisti, f'termini simili, għalkemm mhux identiċi, għall-evażjoni minn miżuri antidumping. Għalhekk ikun xieraq li jsir provvediment kontra l-evażjoni f'dan ir-Regolament."*

(33) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku ma jelenkax operazzjonijiet ta' assemblaġġ speċifikament bħala prattika, proċess jew ħidma li jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni. Madankollu, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku juża b'mod espliċitu l-kliem "*inter alia*", li jfisser li jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' prattiki possibbli ta' evażjoni. B'riżultat ta' dan, ikopri wkoll prattiki oħra ta' ċirkomvenzjoni, li mhumiex elenkati b'mod espliċitu fl-Artikolu inkwistjoni, bħall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Għaldaqstant, billi l-evidenza pprovduta mill-applikanti fit-talba indikat li kienu qed isiru operazzjonijiet ta' assemblaġġ fil-Marokk, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk, b'analoġija, il-kriterji stipulati fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament antidumping bażiku ġewx issodisfati, b'mod partikolari:

— jekk l-operazzjoni ta' assemblaġġ bdietx jew żdiditx sostanzjalment minn meta, jew eżatt qabel, il-bidu tal-investigazzjoni antidumping u jekk il-partijiet ikkonċernati kinux mill-pajjiż soġġett għall-miżuri, u

— jekk il-partijiet jikkostitwux 60 % jew aktar mill-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat u jekk il-valur miżjud tal-partijiet li ngħiebu tul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew ta' tlestija, kienx akbar minn 25 % tal-ispejjeż tal-manifattura.

(34) Wara l-iżvelar, il-Grupp PGTEX qal li ma kien hemm l-ebda bażi ta' applikazzjoni "b'analoġija" l-istandard fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament antidumping bażiku biex jiġi vvalutat jekk iċ-ċirkomvenzjoni seħħitx fis-sens tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku. Huwa argumenta b'mod partikolari li li kieku l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni li l-prattika, il-proċess jew ix-xogħol imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku tkopri l-operazzjonijiet ta assemblaġġ, ikun qal hekk espliċitament, kif għamel fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament antidumping bażiku. Barra minn hekk, fir-rigward tal-objettiv tar-regoli li minnhom l-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku huwa parti, bħala għan għandu "*[t-]tpaċija ta' kwalunkwe sussidju mogħti, direttament jew indirettament, għall-manifattura, il-produzzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport ta' kwalunkwe prodott li r-rilaxx tiegħu għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tikkawża dannu* ([14])." L-Artikolu 2(a) tar-Regolament bażiku huwa ċar fis-sens li prodott għandu jitqies bħala sussidjat biss jekk ikun ingħata sussidju " mill-gvern tal-pajjiż tal-oriġini tal-prodott importat, jew mill-gvern ta' pajjiż intermedju li minnu tkun saret l-esportazzjoni lejn l-Unjoni". F'dan ir-rigward, il-Grupp PGTEX ikkunsidra li l-Marokk huwa kemm il-pajjiż tal-oriġini kif ukoll dak tal-esportazzjoni.

(35) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni. Kif diġà ssemma fil-premessa (16), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku ma jelenkax operazzjonijiet ta' assemblaġġ speċifikament bħala prattika, proċess jew xogħol li jikkostitwixxi ċirkomvenzjoni, iżda juża espliċitament il-kliem "*inter alia*". Finnuqqas ta' limitazzjoni espliċita, l-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku jkopri kwalunkwe prattika oħra ta' ċirkomvenzjoni, li mhumiex elenkati espliċitament fl-Artikolu inkwistjoni, bħall-operazzjonijiet tal-assemblaġġ. Tabilħaqq, inkella, id-dazji kumpensatorji jistgħu jiġu evitati faċilment.

### 2.2. **Livell ta' kooperazzjoni**

(36) PGTEX Morocco SARL ippreżentat talba għal eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku. PGTEX Morocco SARL tappartjenti għall-grupp Ċiniż PGTEX u tinsab f'Żona ta' Kummerċ Ħieles f'Tanġier, il-Marokk.

(37) Barra minn hekk, iż-żewġ kumpaniji Ċiniżi relatati tagħha Chongqing Polycomp International Corporation ("CPIC") u PGTEX China Co., Ltd ("PGTEX China") ukoll ippreżentaw tweġibiet għall-kwestjonarju. PGTEX Morocco SARL hija sussidjarja posseduta kollha minn PGTEX China, li hija soġġetta għal dazju kumpensatorju ta' 17 % impost mir-Regolament (UE) 2020/776.

— CPIC huwa produttur ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ, li huma l-materjali ta' input ewlenin biex jipproduċi l-prodott investigat. Hija biegħet dawn il-materjali ta' input lill-kumpanija relatata tagħha PGTEX China matul il-perjodu ta' rapportar, li minnha kellha sehem mis-sjieda ta' 60 %;

— PGTEX China xtrat il-faxex tal-fibra tal-ħġieġ mingħand CPIC matul il-perjodu ta' rapportar. Sussegwentement, użathom biex tipproduċi l-GFF innifsu jew beħitu mill-ġdid, inkluż lil PGTEX Morocco SARL. PGTEX China ma pproduċietx il-materjal ta' input ewlieni (faxex tal-fibra tal-ħġieġ) matul il-perjodu ta' rapportar.

([14]) L-Artikolu 1 tar-Regolament bażiku (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

(38) It-tweġibiet għall-kwestjonarju, inkluża t-tweġiba għal ittra dwar in-nuqqasijiet, ta' PGTEX Morocco SARL u ż-żewġ kumpaniji relatati Ċiniżi tagħha ("il-Grupp PGTEX") instabu li kellhom in-nuqqasijiet għar-raġunijiet li ġejjin:

— PGTEX Morocco SARL ma pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa fil-formola tat-talba għal eżenzjoni. B'mod partikolari, hija ma pprovdietx id-dokumenti sottostanti meħtieġa għal żewġ tranżazzjonijiet ta' bejgħ. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika dak li ntqal, li PGTEX Morocco SARL bdiet il-produzzjoni tagħha biss f'April 2020. Barra minn hekk, minkejja l-fatt li l-Kummissjoni talbet spjegazzjoni dettaljata għan-numri tal-fattura tal-bejgħ nieqsa, waslet biss spjegazzjoni ġenerali għal dawn in-numri tal-fattura tal-bejgħ nieqsa. Il-Kummissjoni nnutat ukoll differenza fil-fatturat totali għall-perjodu ta' rapportar kif irrappurtat fl-elenkar tal-bejgħ meta mqabbel ma' dak irrappurtat fil-kontijiet statutorji tagħha tal-2020. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonferma l-volumi ta' bejgħ għall-esportazzjoni rrapportati lejn l-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-bejgħ f'esportazzjonijiet irrappurtat kien ogħla mill-importazzjonijiet totali lejn l-Unjoni mill-Marokk skont l-istatistika tal-importazzjoni tal-Eurostat u li PGTEX Marokk kien l-uniku produttur magħruf fil-Marokk li esporta l-prodott investigat lejn l-Unjoni. Ingħatat ukoll informazzjoni kontradittorja dwar meta verament bdiet il-produzzjoni f'PGTEX Morocco SARL. L-informazzjoni dwar meta bdiet verament il-produzzjoni fl-2020 kienet meħtieġa biex jiġi identifikat il-proporzjon tal-ispejjeż ewlenin imġarrba (bħall-ispiża tad-deprezzament u l-kiri) li jistgħu jiġu attribwiti għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni sodisfaċenti fit-tweġiba dwar in-nuqqasijiet dwar ir-raġunijiet għaż-żieda sinifikanti fil-volum tal-produzzjoni f'Lulju 2020, li kien madwar tliet darbiet ogħla mill-volum tal-produzzjoni tax-xahar preċedenti, Ġunju 2020, minkejja l-konsum tal-elettriku li baqa' tista' tgħid l-istess fiż-żewġ xhur.

— PGTEX China ma pprovdietx informazzjoni mis-Sistema Fiskali tad-Deheb kif mitlub dwar ix-xiri tagħha mingħand CPIC u l-bejgħ tagħha lil PGTEX Morocco SARL.

(39) Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 28(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp PGTEX, fil-5 ta' Ottubru 2021, bil-fatt li l-lista mhux eżawrjenti ta' elementi deskritti fil-premessa preċedenti tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u għall-użu tal-fatti disponibbli. Stiednet ukoll lill-Grupp PGTEX biex jikkummenta dwar l-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(40) Fit-12 ta' Ottubru 2021, il-Grupp PGTEX qal li l-applikazzjoni tal-fatti disponibbli ma kinitx iġġustifikata legalment f'dan il-każ għar-raġunijiet li ġejjin:

— Il-grupp ma naqasx milli jipprovdi l-informazzjoni "meħtieġa", kif spjegat fl-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

— L-informazzjoni sottomessa mill-Grupp PGTEX ma tistax tiġi injorata.

— Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe applikazzjoni ta' "fatti disponibbli" għandha tkun limitata.

(41) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni u d-dokumenti li l-Grupp PGTEX ippreżenta mal-ittra tiegħu tal-12 ta' Ottubru 2021. Hija kkonkludiet li la tweġibiet sodisfaċenti u lanqas dokumentazzjoni ta' sostenn konvinċenti ma ngħataw għall-biċċa l-kbira tal-elementi li tqajmu fl-ittra tagħha tal-5 ta' Ottubru 2021.

(42) Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni pprovduta mill-Grupp PGTEX kienet parzjalment inkompluta u kontradittorja u għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx toqgħod fuqha għalkollox. Madankollu, id-*data* ppreżentata mill-Grupp PGTEX ma ġietx kompletament injorata, u l-Kummissjoni użat kemm id-*data* dwar il-bejgħ kif ukoll id-*data* tal-kostijiet ippreżentata mill-Grupp PGTEX bħala punt tat-tluq tal-analiżi tagħha.

(43) F'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 28(5) tar-Regolament bażiku, l-informazzjoni pprovduta mill-Grupp PGTEX kienet ikkomplementata minn *data* estratta minn bażijiet tad-*data* bħall-Global Trade Atlas ("GTA") ([15]), u l-Eurostat, kif spjegat aktar fid-dettall fit-taqsima 2.3. hawn taħt. Id-*data* tal-importazzjoni ġiet estratta mill-Eurostat, u l-GTA ntużat għad-determinazzjoni tal-volumi tal-esportazzjoni tal-faxex tal-fibra tal-ħġieġ mir-RPĊ u mill-Eġittu lejn il-Marokk.

([15]) https://www.gtis.com/gta/.

(44) Finalment, fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri ta' konfinament stabbiliti minn diversi Stati Membri kif ukoll minn diversi pajjiżi terzi, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku fil-bini tal-entitajiet legali li kkooperaw. Il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni sottomessa mill-Grupp PGTEX, bħal tweġibiet għall-kwestjonarji u tweġibiet għal ittri dwar in-nuqqasijiet, f'konformità mal-Avviż tas-16 ta' Marzu 2020 dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet antidumping u antisussidji ([16]). Ma tqiesx li kienet meħtieġa kontroverifika mill-bogħod tal-informazzjoni fid-dawl tal-kwistjonijiet ippreżentati fil-premessi preċedenti.

(45) Wara l-iżvelar, il-Grupp PGTEX tenna l-allegazzjoni tiegħu li l-applikazzjoni tal-fatti disponibbli kienet manifestament infondata u inġustifikata fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-Grupp PGTEX. Barra minn hekk, il-Grupp PGTEX talab u ngħata seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni fl-10 ta' Jannar 2022, u seduta sussegwenti mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċeduri Kummerċjali fit-12 ta' Jannar 2022 dwar l-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(46) Matul is-seduta tat-12 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjonijiet addizzjonali dwar il-konstatazzjoni tagħha li r-risposta għall-ittra tal-Artikolu 28 ma kinitx neħħiet it-tħassib tal-Kummissjoni. Kif spjegat fil-premessa (42), il-Kummissjoni mantniet il-pożizzjoni tagħha li l-Kummissjoni ma setgħetx toqgħod għalkollox fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Grupp PGTEX. Barra minn hekk, l-Uffiċjal tas-Seduta fi Proċedimenti Kummerċjali qal fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2022 li l-Kummissjoni kienet irrispettat id-drittijiet tad-difiża tal-Grupp PGTEX.

### 2.3. **Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ**

#### 2.3.1. *Importazzjonijiet tal-GFF*

(47) It-Tabella 1 hawn taħt turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-GFF miċ-Ċina, l-Eġittu u l-Marokk bejn l-2019 u l-2020. Minħabba li l-kodiċijiet TARIC inħolqu biss fil-21 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni estrapolat id-*data* għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-20 ta' Frar 2019 biex tuża eżattament l-istess perjodu (12-il xahar) għas-sentejn 2019 u 2020.

*Tabella 1*

**Importazzjonijiet tal-GFF għas-snin 2019 u 2020 (tunnellati)**

| | 2019 | RP |
|---|---|---|
| **RPĊ** | 13 720 | 19 315 |
| *indiċi (bażi = 2019)* | *100* | *141* |
| **L-Eġittu** | 146 | 4 302 |
| *indiċi (bażi = 2019)* | *100* | *2 946* |
| **Il-Marokk** | 277 | 2 809 |
| *indiċi (bażi = 2019)* | *100* | *1 014* |

*Sors:* Eurostat, il-kodiċijiet TARIC 7019 39 00 80, 7019 40 00 80, 7019 59 00 80 u 7019 90 00 80.

(48) It-Tabella 1 turi li l-importazzjonijiet tal-GFF mill-Marokk żdied minn 277 tunnellata fl-2019 għal 2 809 tunnellata fl-2020. Iż-żieda sinifikanti fl-2020 meta mqabbla mal-2019 ikkoinċidiet mal-bidu tal-produzzjoni mill-PGTEX Morocco SARL. Minkejja li l-kumpanija kienet uffiċjalment stabbilita fit-2 ta' Ottubru 2019, hija ddikjarat fil-formola tat-talba tagħha ta' eżenzjoni li bdiet il-produzzjoni u l-bejgħ ta' esportazzjoni biss minn April 2020 'il quddiem. F'dan ir-rigward, id-data tal-importazzjoni wriet li l-importazzjonijiet medji ta' kull xahar għall-perjodu April — Diċembru 2020 kienu madwar ħmistax-il darba ogħla mill-importazzjonijiet medji ta' kull xahar minn Jannar 2019 sa Marzu 2020.

([16]) ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6.

(49) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-bejgħ ta' esportazzjonijiet irrapportat ta' PGTEX Morocco SARL kien ogħla mill-importazzjonijiet totali lejn l-Unjoni mill-Marokk. Minħabba li PGTEX Morocco SARL kienet l-unika kumpanija Marokkina li kkooperat mal-Kummissjoni f'din l-investigazzjoni u l-volumi ta' esportazzjoni insinifikanti tal-GFF mill-Marokk lejn l-Unjoni qabel l-istabbiliment tagħha, il-Kummissjoni qieset li kien raġonevoli li tikkonkludi li l-PGTEX Morocco SARL kien l-uniku produttur fil-Marokk li esporta l-GFF lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' rappurtar (RP).

(50) Kif muri fit-tabella 1, l-importazzjonijiet ta' GFF miċ-Ċina żdiedu minn 13 720 tunnellata fl-2019 għal 19 315 tunnellata fl-2020, filwaqt li l-importazzjonijiet ta' GFF mill-Eġittu żdiedu minn 146 tunnellata fl-2019 għal 4 302 tunnellata fl-2020. Kif imsemmi fil-premessa (48), il-volumi medji ta' importazzjoni fix-xahar ta' PGTEX Morocco SARL żdiedu b'mod konsiderevoli minn April 2020 'il quddiem, meta mqabbla mal-perjodi preċedenti.

2.3.2. *Volumi ta' esportazzjoni ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ miċ-Ċina u l-Eġittu lejn il-Marokk*

(51) It-tabella 2 hawn taħt turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-faxex tal-fibra tal-ħġieġ miċ-Ċina u mill-Eġittu mill-Marokk fuq il-bażi tal-istatistika tal-importazzjoni Marokkina mill-bażi tad-*data* tal-GTA bejn l-2019 u l-2020.

*Tabella 2*

**Importazzjonijiet ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ mill-Eġittu u ċ-Ċina mill-Marokk għas-snin 2019 u 2020 (f'tunnellati)**

| | 2019 | RP |
|---|---|---|
| **RPĊ** | | |
| 7019 12 rovings tal-fibra tal-ħġieġ | 2 378 | 7 839 |
| **L-Eġittu** | | |
| 7019 12 rovings tal-fibra tal-ħġieġ | 1 118 | 3 120 |

*Sors:* GTA.

(52) Il-materjal ewlieni ta' input għall-produzzjoni tal-GFF huma l-faxex tal-fibra tal-ħġieġ. Dan il-materjal ta' input imbagħad jiġi pproċessat aktar biex jiġi prodott il-GFF. L-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni wriet li l-GFF esportat lejn l-Unjoni mill-Marokk kien prodott prinċipalment minn faxex tal-fibra tal-ħġieġ.

(53) It-Tabella 2 turi li l-importazzjonijiet tal-faxex tal-fibra tal-ħġieġ miċ-Ċina għall-Marokk żdiedu minn 2 378 tunnellata fl-2019 għal 7 839 tunnellata fl-2020. L-importazzjonijiet ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ mill-Eġittu għall-Marokk ukoll żdiedu minn 1 297 tunnellata fl-2019 għal 3 687 tunnellata fl-2020. L-importazzjonijiet kemm miċ-Ċina kif ukoll mill-Eġittu jirrappreżentaw madwar 90 % tal-importazzjonijiet totali Marokkini ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ għas-snin 2019 u 2020.

(54) PGTEX Morocco SARL qalet li l-faxex tal-ħġieġ tal-fibra hija użat biex tipproduċi l-GFF kienu kollha mixtrija miċ-Ċina (xejn mill-Eġittu), b'mod partikolari mill-kumpanija omm tagħha PGTEX China. Qalet ukoll li importat dawn il-faxex tal-fibra taħt il-kodiċi tas-SA 7019 12. L-importazzjonijiet taħt dan il-kodiċi wrew l-aktar żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet miċ-Ċina mill-Marokk.

(55) Iż-żieda sinifikanti fil-volumi ta' importazzjonijiet ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ miċ-Ċina, kif ukoll mill-Eġittu lejn il-Marokk indikat żieda fid-domanda għal tali materjali ta' input fil-Marokk, li tista', tal-inqas parzjalment, tiġi spjegata miż-żieda fil-produzzjoni u l-esportazzjonijiet tal-GFF fil-Marokk u minnu matul il-perjodu ta' rappurtar. Dan kien ikkorroborat ukoll mill-informazzjoni pprovduta minn PGTEX Morocco SARL.

(56) Minħabba li l-PGTEX Morocco SARL, l-esportatur uniku apparenti tal-GFF lejn l-Unjoni (ara l-premessa (49)), xtara l-faxex tal-fibra tal-ħġieġ kollha tiegħu miċ-Ċina, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li l-faxex tal-fibra tal-ħġieġ mill-Eġittu ntużaw la minn PGTEX Morocco SARL u lanqas minn xi produttur ieħor tal-GFF fil-Marokk għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-importazzjonijiet tal-faxex tal-fibra tal-ħġieġ miċ-Ċina bdew jiżdiedu

mill-aħħar trimestru tal-2019 'il quddiem, li kien it-trimestru li fih twaqqfet PGTEX Morocco SARL. Il-volumi medji tal-importazzjoni fix-xahar tal-faxex tal-fibri tal-ħġieġ miċ-Ċina tul l-aħħar trimestru tal-2019 kienu konsiderevolment ogħla mill-volumi tal-importazzjoni medji fix-xahar tul il-perjodi preċedenti. Barra minn hekk, il-volumi medji ta' importazzjoni fix-xahar ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ matul l-2020 (is-sena li fih PGTEX Morocco SARL bdiet tipproduċi) kienu ferm ogħla mill-volumi ta' importazzjoni medji fix-xahar tul l-aħħar trimestru tal-2019. Minkejja ż-żieda fl-importazzjonijiet ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ mill-Eġittu lejn il-Marokk matul l-2020, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li dawk l-importazzjonijiet intużaw għal ipproċessar ulterjuri fil-Marokk f'GFF biex sussegwentement jiġu esportat lejn l-Unjoni. Għalhekk, l-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni ma appoġġatx l-allegazzjoni li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi l-Eġittu kienet ġejja minn prattika li l-għan tagħha kien li jiġu evitati miżuri antidumping fuq il-GFF mill-Eġittu.

(57) Wara l-iżvelar, il-Grupp PGTEX kif ukoll LM Wind Power qalu li ma kien hemm l-ebda bidla fix-xejra tal-kummerċ. Il-Grupp PGTEX argumenta li l-emerġenza tal-importazzjonijiet tal-GFF mill-Marokk ma saritx għad-detriment tal-importazzjonijiet tal-GFF miċ-Ċina. Għall-kuntrarju, iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-GFF mill-Marokk kienet inqas sostanzjali miż-żieda parallela fl-importazzjonijiet tal-GFF miċ-Ċina.

(58) Kif spjegat fil-premessi minn (47) sa (56) hawn fuq, il-Kummissjoni osservat żieda fl-esportazzjonijiet ta' GFF mill-Marokk lejn l-Unjoni kif ukoll żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ miċ-Ċina lejn il-Morokk fl-2020 meta mqabbel mal-2019. Dan fih innifsu jikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ.

(59) Barra minn hekk, filwaqt li l-esportazzjonijiet ġenerali tal-GFF miċ-Ċina lejn l-Unjoni tabilħaqq żdiedu, it-tabelli b'ħarsa ġenerali pprovduti minn PGTEX China fil-qafas ta' din l-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni wrew li l-volumi tal-esportazzjoni ta' PGTEX China - il-kumpanija omm ta' PGTEX Marokk SARL u l-uniku fornitur tagħha tal-faxex tal-fibra tal-ħġieġ - lejn l-Unjoni kienu aktar minn 2 darbiet inqas fl-2020 meta mqabbla mal-2018, u saħansitra aktar minn 3 darbiet inqas fl-2020 milli fl-2019.

(60) Għalhekk, il-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ u rrifjutat dawn l-allegazzjonijiet.

2.3.3. *Konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ*

(61) Iż-żieda fl-esportazzjonijiet tal-GFF mill-Marokk lejn l-Unjoni tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-Marokk u l-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku, flimkien maż-żieda sinifikanti fl-2020 meta mqabbla mal-2019 tal-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-faxex fibra tal-ħġieġ fil-Marokk kif muri fit-Tabella 2. Min-naħa l-oħra, ma nstabet l-ebda evidenza dwar l-allegata ċirkomvenzjoni tal-miżuri kompensatorji fuq il-GFF li jinvolvu l-Eġittu.

## 2.4. **In-natura tal-prattiki ta' ċirkomvenzjoni li għalihom ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju kumpensatorju**

(62) L-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju.

(63) Il-Kummissjoni fakkret li l-prattika, il-proċess jew ix-xogħol jinkludu l-konsenja tal-prodott soġġett għall-miżuri eżistenti permezz ta' pajjiżi terzi, u l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' partijiet/ta' tlestija f'pajjiż terz, kif spjegat fil-premessa (16).

(64) Skont ma qalu l-awtoritajiet Marokkini msemmija fil-premessa (15), l-ewwel kuntatt mal-Grupp PGTEX għat-twaqqif ta' impjant fil-Marokk imur lura għall-20 ta' Marzu 2019, xahar wara l-bidu tal-investigazzjoni antidumping oriġinali ([17]) u xahrejn qabel il-bidu tal-investigazzjoni oriġinali kontra s-sussidji ([18]). PGTEX Marokk SARL twaqqfet fit-2 ta' Ottubru 2019, madwar ħames xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni antisussidji. Din il-koinċidenza fiż-żmien tissuġġerixxi li l-impożizzjoni potenzjali tad-dazji kienet il-kawża tal-istabbiliment tal-PGTEX Marokk SARL.

([17]) ĠU C 68, 21.2.2019, p. 29.
([18]) ĠU C 167, 16.5.2019, p. 11.

(65) Fuq il-bażi tal-elenkar tal-bejgħ sottomess minn PGTEX Morocco SARL, matul l-2020, il-bejgħ kollu tal-esportazzjoni ta' PGTEX Morocco SARL mar fis-suq tal-Unjoni, filwaqt li frazzjoni żgħira biss tal-produzzjoni tiegħu tal-2020 inbiegħet domestikament. Barra minn hekk, il-bejgħ tal-esportazzjoni tagħha matul l-2020 kien kollu mibjugħ lill-klijenti fl-Unjoni, li fil-passat kienu fornuti minn PGTEX China. Dan, għal darb'oħra, jissuġġerixxi li l-impożizzjoni potenzjali tad-dazji kienet ir-raġuni għat-twaqqif ta' PGTEX Morocco SARL. Dan kien ikkonfermat b'mod espliċitu mir-rapport annwali tal-2019 ta' PGTEX China (ara l-premessa (17)).

(66) Wara d-divulgazzjoni, il-Grupp PGTEX qal li kien hemm raġuni valida u ġustifikazzjoni ekonomika għall-istabbiliment tal-PGTEX Morocco SARL. Huwa qal li t-twaqqif tal-impjant Marokkin kien ir-riżultat ta' proċess li dam ħafna żmien, li inkluda studji ta' fattibbiltà, applikazzjonijiet biex jinkisbu l-permessi meħtieġa mill-gvernijiet Ċiniżi u Marokkini, u l-kisba ta' dawn il-permessi.

(67) Il-Kummissjoni nnotat li d-dokumentazzjoni, li l-Grupp PGTEX ippreżenta fil-15 ta' Ottubru 2021, uriet li l-Grupp kien ilu jivvaluta f'liema pajjiż kellu jwaqqaf kumpanija żmien twil qabel il-bidu tal-investigazzjoni. Ġew ikkunsidrati diversi pajjiżi potenzjali, inkluż il-Marokk. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li l-PGTEX Morocco SARL finalment twaqqfet fit-2 ta' Ottubru 2019, madwar seba' xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni antidumping oriġinali. Din il-koinċidenza fiż-żmien tissuġġerixxi li l-investigazzjoni antidumping kienet kawża tal-istabbiliment ta' PGTEX Morocco SARL. Dan kien ikkorroborat ukoll minn dikjarazzjoni tal-awtoritajiet Marokkini li tgħid li l-kuntatti tagħhom ma' PGTEX għall-istabbiliment ta' impjant kienu jmorru lura għall-20 ta' Marzu 2019, jiġifieri eżattament wara l-bidu tal-investigazzjoni oriġinali ([19]). Dan wera li l-kuntatti formali mal-awtoritajiet Marokkini biex tiġi stabbilita kumpanija fil-Marokk imorru lura għal Marzu 2019, li kien eżatt wara l-bidu tal-investigazzjoni antidumping inizjali.

(68) Wara d-divulgazzjoni, LM Wind Power argumentat li PGTEX kienet waqqfet l-impjant Marokkin tagħha sabiex taqdi s-swieq Marokkini u tal-Lvant Nofsani u għalhekk kellha ġustifikazzjoni ekonomika għall-istabbiliment tagħha minbarra l-evitar ta' dazji.

(69) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni. Il-Kummissjoni rreferiet għal evidenza li turi li kien hemm nuqqas ta' ġustifikazzjoni ekonomika għajr id-dazji (ara f'dan il-kuntest ir-Rapport Annwali tal-2019 ta' PGTEX China, kif imsemmi fil-premessa(17)). Barra minn hekk, l-argument ta' LM Wind Power li PGTEX Morocco SARL ġiet stabbilita sabiex taqdi s-swieq Marokkini u tal-Lvant Nofsani ma kienx sostnut mill-provi. F'dan ir-rigward, kif spjegat fil-premessa (65), il-bejgħ kollu għall-esportazzjoni minn PGTEX Morocco SARL sar lill-Unjoni u frazzjoni żgħira biss tal-produzzjoni tagħha nbiegħet domestikament fil-Marokk.

(70) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-investigazzjoni ma żvelatx raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għat-twaqqif ta' sit ta' produzzjoni tal-GFF fil-Marokk ħlief biex jiġi evitat il-ħlas tad-dazji attwalment fis-seħħ.

### 2.5. **Bidu jew żieda sostanzjali tal-operazzjonijiet**

(71) L-Artikolu 13(2) tar-Regolament antidumping bażiku ([20]) jeħtieġ li l-operazzjoni ta' assemblaġġ tkun bdiet jew żdiedet sostnanzjalment minn, jew eżatt qabel, il-bidu tal-investigazzjoni antidumping, filwaqt li l-partijiet ikkonċernati huma mill-pajjiż soġġett għall-miżuri antidumping. Kif imsemmi fil-premessa (33), l-istandards legali li jinsabu fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku antidumping jistgħu jintużaw b'analoġija fil-valutazzjoni tal-każ antisussidji fil-kuntest tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku.

(72) L-investigazzjoni antisussidji oriġinali nbdiet f'Mejju 2019 u d-dazji kumpensatorji definittivi ġew imposti f'Ġunju 2020 (ara l-premessa(1)). PGTEX Morocco SARL ġiet uffiċjalment stabbilita fit-2 ta' Ottubru 2019 u bdiet il-produzzjoni minn April 2020 skont il-formola tat-talba għal eżenzjoni tagħha. Dan jikkoinċidi mal-bidla fix-xejra tal-kummerċ deskritta fit-taqsima 2.3.

([19]) Commentaires du Ministère de l'Industrie, du Commerce et de l'Economie Verte et Numérique du Royaume du Maroc relatifs à l'ouverture des enquêtes anti-contournement concernant les importations de certains tissus en fibres de verre, 14.7.2021, paġna 2: "*…le Ministère souligne que le contact entre PGTEX et les autorités marocaines pour l'implantation d'une usine de PGTEX au Maroc remonte au 20 mars 2019, soit juste après l'initiation de l'enquête antidumping initiale de l'UE…*".

([20]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

(73) PGTEX Morocco SARL issottomettiet lista ta' bejgħ, li turi li l-bejgħ kollu tagħha ta' GFF prodott minnha mar lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' rappurtar. Barra minn hekk, 100 % tal-materjal ta' input ewlieni tagħha (prinċipalment faxex tal-fibra tal-ħġieġ) inxtara mill-kumpanija prinċipali relatata tagħha fiċ-Ċina. Ma xtrat l-ebda faxex tal-fibra tal-ħġieġ mill-Eġittu.

(74) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjoni ta' assemblaġġ bdiet mill-bidu tal-investigazzjoni antisussidji oriġinali kif meħtieġ mill-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament antidumping bażiku, filwaqt li l-partijiet ikkonċernati huma prinċipalment miċ-Ċina, wieħed miż-żewġ pajjiżi soġġetti għall-miżuri antisussidji oriġinali.

### 2.6. **Valur tal-partijiet u valur miżjud**

(75) F'dak li jikkonċerna l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ, l-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament antidumping bażiku jgħid li kundizzjoni oħra biex tiġi stabbilita ċ-ċirkomvenzjoni hija li l-partijiet (ta' oriġini Ċiniża, f'dan il-każ) jikkostitwixxu 60 % jew aktar tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat u li l-valur miżjud tal-partijiet miġjuba, tul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew tlestija, ikun inqas minn 25 % tal-kost tal-manifattura. L-istandards legali li jinsabu fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament antidumping bażiku jistgħu jintużaw b'analoġija fil-valutazzjoni tal-każ antisussidji fil-kuntest tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku.

(76) Il-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-GFF hija l-faxex ta' fibra tal-ħġieġ. PGTEX Morocco SARL xtrat 100 % tal-faxex tal-fibra tal-ħġieġ li użat mingħand il-kumpanija omm relatata tagħha fiċ-Ċina. Permezz tal-proċess ta' nsiġ li jsir, li hija operazzjoni ta' tlestija fil-Marokk, dawn il-faxex ta' fibra tal-ħġieġ ġew trasformati f'GFF. Skont l-informazzjoni sottomessa minn PGTEX Morocco SARL, il-faxex tal-fibra tal-ħġieġ jikkostitwixxu kważi 100 % tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat/lest fis-sens tal-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament antidumping bażiku.

(77) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-proċess li qed iseħħ fil-Marokk huwa operazzjoni ta' tlestija (operazzjoni ta' assemblaġġ) u li l-kriterju ta' 60 % stabbilit fl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament antidumping bażiku - applikat b'analoġija fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku, kif spjegat fil-premessa (33) - ġie ssodisfat.

(78) Wara l-iżvelar, il-Grupp PGTEX u LM Wind Power tennew li l-manifattura tal-GFF mill-faxex tal-fibra tal-ħġieġ tal-materja prima ewlenija importati ma tikkostitwixxix "assemblaġġ ta' partijiet minn operazzjoni ta' assemblaġġ" fis-sens tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament antidumping bażiku. F'dan il-kuntest, huma qalu, l-ewwel, li l-faxex tal-fibra tal-ħġieġ mhumiex "partijiet" tal-GFF iżda huma pjuttost "oġġetti li huma soġġetti għal proċess fil-produzzjoni ta' oġġett ieħor" u, it-tieni nett, li l-faxex tal-fibra tal-ħġieġ ma jiġux "assemblati" biex isiru GFF, iżda jiġu pproċessati biex isiru GFF permezz tan-newl u l-ħjata ta' tipi differenti ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ kif ukoll materjali oħrajn, bl-użu ta' makkinarju kumpless.

(79) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn il-pretensjonijiet. Il-prattika deskritta fil-premessa (76) hawn fuq tista' tiġi kkaratterizzata bħala operazzjoni ta' tlestija li taqa' taħt il-kunċett ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, kif spjegat fil-premessa (33) hawn fuq.

(80) PGTEX Morocco SARL qalet li l-valur miżjud tiegħu jkun ogħla mil-limitu ta' 25 %. Iż-żewġ entrati ewlenin tal-kost fil-kalkolu tal-valur miżjud kienu l-ispiża tad-deprezzament u l-kost tal-kiri, li kienu parti mid-*data* finanzjarja tal-perjodu tar-rapportar sottomessa minn PGTEX Morocco SARL fil-formola tat-talba għal eżenzjoni tagħha.

(81) Rigward il-kost tad-deprezzament, PGTEX Morocco SARL iddikjarat li kien hemm inqas minn għaxar magni tal-GFF ([21]) installati fil-bini tiegħu, u li kull waħda minn dawn il-magni tal-GFF kienet taħdem għal 300 jum mit-360 tul l-2020. Hija kkalkolat l-ammont ta' deprezzament għall-perjodu ta' rapportar fuq il-bażi tat-tliet elementi li ġejjin:

— Il-valur tal-akkwiżizzjoni;

— 9,5 % bħala perċentwal tad-deprezzament biex titqies il-ħajja utli stmata ([22]);

— it-300 jum ta' ħidma msemmija hawn fuq f'total ta' 360 jum.

([21]) "Magna tal-GFF" tista' tiġi deskritta bħala l-magna li tintuża matul il-proċess ta' assemblaġġ li fih dik li hi maġġoranza ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ (il-materjal tal-input ewlieni) jiġu kkonvertiti f'GFF.

([22]) Il-ħajja utli ta' magna GFF hija stmata li hija ta' 10 snin, u aġġustata għal valur residwu ta' 5 % fi tmiem il-ħajja utli tagħha.

(82) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dan il-mod kif jiġi kkalkulat il-kost tad-deprezzament fil-qafas tal-kalkolu tal-valur miżjud fis-sens tal-Artikolu 13 tar-Regolament antidumping bażiku. B'mod partikolari, l-użu ta' 300 jum bħala element biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' deprezzament jista' jkun aċċettabbli skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà, iżda wassal għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-ammont ta' deprezzament ikkalkulat fil-qafas tal-kalkolu tal-valur miżjud minn PGTEX Morocco SARL għal diversi raġunijiet. L-ewwel, kif issottomettiet PGTEX Morocco SARL fil-formola tat-talba għal eżenzjoni tagħha, l-użu tal-kapaċità (il-produzzjoni reali f'kg diviża bil-kapaċità ta' produzzjoni attwali f'kg) tal-magni GFF kien baxx ([23]) fis-sena 2020. Minħabba l-użu baxx tal-kapaċità tal-produzzjoni l-ispiża tad-deprezzament irrappurtata għalhekk instabet li kienet eżaġerata. It-tieni, erbgħa mill-magni GFF intbagħtu biss f'Novembru 2019 minn Shanghai għal Tanġier u ma setgħux ikunu qed jaħdmu għal 300 jum fl-2020, meta jitqies iż-żmien ta' konsenja bejn Shanghai u Tanġier, kif ukoll il-perjodu meħtieġ għall-ħatt, l-installazzjoni u l-ittestjar ta' kull wieħed minn dawn l-erba' magni tal-GFF. It-tielet, PGTEX Morocco SARL iddikjarat fil-formola tat-talba għal eżenzjoni tagħha li l-produzzjoni bdiet biss f'April 2020. Jekk dan ikun minnu, il-ħin totali ta' tħaddim għal kull wieħed mill-magni GFF installati jista' jkun biss sa massimu ta' 270 jum (minn April 2020 sa Diċembru 2020), mingħajr ma jittieħed kont ta' kwalunkwe ħin mhux operattiv ikkawżat minn waqfien, bħala riżultat ta' manutenzjoni meħtieġa, jiem frank, u btajjel. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ispiża tad-deprezzament li għandha titqies għall-kalkolu tal-kost tal-valur miżjud jenħtieġ li tkun ferm aktar baxxa mill-kost tad-deprezzament kif ikkalkulat mill-PGTEX Morocco SARL.

(83) Wara l-iżvelar, il-Grupp PGTEX argumenta li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' valutazzjoni u aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament antidumping bażiku meta wettqet kalkoli relatati mal-valur miżjud. F'dan il-kuntest, skont il-Grupp PGTEX, id-deprezzament sħiħ kellu jiġi kkunsidrat, billi tali kostijiet fil-fatt iġġarrbu fl-2020 għall-produzzjoni tal-GFF.

(84) Il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba għar-raġunijiet li ġejjin:

— Minkejja li d-deprezzament fil-prinċipju huwa fil-prinċipju ([24]) kost fiss, minħabba li jirrikorri fl-istess ammont kull perjodu tul il-ħajja utli ta' assi, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta d-deprezzament reġistrat għalkollox fil-qafas tal-kalkolu tal-valur miżjud. Ir-raġuni għal dan hija l-użu baxx tal-kapaċità tal-produzzjoni, kif muri mid-data sottomessa mill-Grupp PGTEX;

— Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tuża l-kost sħiħ tad-deprezzament minħabba l-informazzjoni inkompluta u kontradittorja li rċeviet. F'dan ir-rigward, PGTEX Morocco SARL semmiet pereżempju minn naħa waħda li l-magni kollha ġew akkwistati fil-bidu tal-2020. Min-naħa l-oħra, PGTEX Morocco SARL iddikjarat li bdiet tipproduċi biss f'April 2020 fit-tweġiba kompluta tagħha għall-kwestjonarju. PGTEX Morocco SARL qalet ukoll li l-magni kollha kienu qed joperaw għal 300 jum.

PGTEX Morocco SARL użat dawn it-300 jum (jiġifieri 299 jum aġġustat 'il fuq għal 300 jum) għall-kalkolu tad-deprezzament tagħha u ħolqot l-impressjoni li l-magni GFF kollha li installat kienu qed joperaw u jaħdmu kompletament matul is-sena kollha tal-2020. Madankollu, deher li dan ma kienx il-każ, billi diversi magni kienu għadhom ma waslux fl-impjant fil-Marokk fl-1 ta' Jannar 2020 (ara l-premessa (82) hawn fuq).

Minħabba d-dikjarazzjonijiet kontradittorji msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tintuża r-rata ta' użu tal-kapaċità għas-sena sħiħa 2020, kif ippreżentat PGTEX Morocco SARL u li ma kienx ikkontestat. Għall-Kummissjoni, din ir-rata ta' użu tal-kapaċità tqieset bħala kejl objettiv u ċar biex jiġi ddeterminat kost ta' deprezzament xieraq fil-qafas tal-kalkolu tal-valur miżjud tagħha.

(85) Wara l-iżvelar, il-Grupp PGTEX issuġġerixxa li, sal-punt li l-Kummissjoni tippersisti biex taġġusta l-kost tad-deprezzament fuq il-bażi tal-użu tal-kapaċità (kif ikkomunikat mill-Grupp PGTEX fl-Anness 7.2. tal-ittra tiegħu tal-12 ta' Ottubru 2021) biex tuża kwalunkwe waħda mit-tliet metodoloġiji alternattivi li ppropona fil-kummenti tiegħu wara d-divulgazzjoni:

— Li taġġusta l-kapaċità biex tirrifletti dawk ix-xhur li matulhom il-magni GFF rilevanti ma kinux qed jaħdmu;

([23]) Tabella C.4.1: "Produzzjoni u Kapaċità tal-produzzjoni" tal-formola tat-talba għal eżenzjoni.

([24]) Madankollu hemm eċċezzjoni waħda. Jekk negozju juża metodoloġija ta' deprezzament ibbażata fuq l-użu, allura d-deprezzament isir f'mudell li jkun aktar konsistenti ma' kost varjabbli. Il-Grupp PGTEX baqa' sieket dwar din il-metodoloġija.

— Li tuża biss id-*data* dwar il-kostijiet ta' Diċembru 2020, jiġifieri x-xahar tul il-PI li fih il-biċċa l-kbira tal-magni tal-GFF kienu qed joperaw, ħlief għall-magna numru 7;

— Li tuża d-*data* dwar l-ispejjeż minn Lulju sa Diċembru 2020, billi wara Ġunju 2020, iċ-ċertifikazzjoni ta' klijenti ewlenin kważi tlestiet, għalhekk il-produzzjoni setgħet tiżdied.

(86) Il-Kummissjoni rrifjutat l-użu ta' kwalunkwe waħda mit-tliet alternattivi li l-Grupp PGTEX ippropona fid-dawl ta' numru ta' inkonsistenzi li sabet il-Kummissjoni, fl-Anness 7.2 tal-ittra tat-12 ta' Ottubru 2021, fir-rigward tal-alternattivi proposti:

— Ix-xahar ta' Marzu 2020 ma ssemmiex minn PGTEX Morocco SARL bħala xahar ta' produzzjoni fl-Anness 7.2 tal-ittra tat-12 ta' Ottubru 2021. PGTEX Morocco SARL iddikjarat għall-ewwel darba ([25]) fit-12 ta' Ottubru 2021 li kien hemm produzzjoni f'Marzu 2020, iżda li din il-produzzjoni f'Marzu 2020 ġiet irreġistrata biss fid-*data* tal-produzzjoni tagħha għax-xahar ta' April 2020. Dan ifisser li l-Kummissjoni ma setgħetx teskludi żbalji oħra u/jew dewmien fir-reġistrazzjoni tal-produzzjoni ta' kull xahar. Għaldaqstant, il-metodu kif propost mill-Grupp PGTEX biex jalloka kull xahar liema magni GFF kienu operattivi u li ma setgħux jintużaw bħala bażi;

— L-użu tad-*data* tal-kostijiet ta' Diċembru 2020 biss ma setax jiġi aċċettat billi r-rata tal-użu tal-kapaċità għax-xahar ta' Diċembru 2020 ma kinitx rappreżentattiva għar-rata tal-użu tal-kapaċità għas-sena sħiħa 2020;

— L-użu tad-*data* tal-ispejjeż għall-perjodu Lulju - Diċembru 2020 lanqas ma seta' jiġi aċċettat għall-istess raġuni kif imsemmi fit-tieni alternattiva proposta. Ir-rata tal-użu tal-kapaċità għall-perjodu Lulju - Diċembru 2020 ma kinitx rappreżentattiva għar-rata tal-użu tal-kapaċità għas-sena 2020 kollha kemm hi.

Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rata ta' użu tal-kapaċità matul l-2020 kollha kemm hi kienet l-aktar indikatur xieraq biex titnaqqas ir-rata ta' deprezzament kompletament irreġistrata b'mod raġonevoli fil-qafas tal-kalkolu tal-valur miżjud.

(87) Wara l-iżvelar, l-applikant qal li l-kost tad-deprezzament tal-magni tal-GFF għandu jiġi eskluż għalkollox mill-kalkoli tal-valur miżjud, billi dawn il-magni ma nkisbux mingħand fornitur indipendenti, iżda mill-kumpanija omm.

(88) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni. L-ispejjeż tad-deprezzament huma ġeneralment aċċettati skont il-prinċipji tal-kontabbiltà lokali u internazzjonali. B'mod partikolari, il-prinċipju ta' kontabbiltà "korrispondenti" jistabbilixxi li l-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati fl-istess perjodu li fih jiġi ġġenerat id-dħul minnhom. Dan ifisser li, bl-użu ta' dawn il-magni tal-GFF, il-GFF lest jista' jinbiegħ u jiġi ġġenerat dħul. Id-deprezzamenti huma mbagħad porzjonijiet ta' assi fissi (il-magni tal-GFF) li ġew ikkunsidrati kkunsmati fil-perjodu attwali, u għalhekk ikkunsidrati bħala spiża, irrispettivament mingħand min inxtraw il-magni. L-intenzjoni ta' din l-ispiża hija li gradwalment jitnaqqas l-ammont miżmum fil-kotba ta' assi fissi hekk kif il-valur tagħhom jiġi kkunsmat maż-żmien.

(89) Wara l-iżvelar, l-applikant qal ukoll li, sal-punt li l-Kummissjoni ma tneħħix sempliċement id-deprezzament sħiħ tal-magni tal-GFF li PGTEX ittrasferiet mill-kumpanija relatata tagħha fiċ-Ċina mill-kalkoli tal-valur miżjud, id-determinazzjoni tal-ammont ta' deprezzament irid jirrifletti l-ħajja utli reali ta' tali magni u tagħmir relatat. L-applikant irrefera għall-fatt li mhix xi ħaġa mhux tas-soltu li magni hekk jitħaddmu għal aktar minn 20 sena.

(90) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni billi l-applikant innifsu rrefera għal ħajja utli tal-magni GFF ta' madwar 10 snin fit-talba tiegħu. Ma ngħatat l-ebda evidenza rigward id-dikjarazzjonijiet tagħha li mhijiex xi ħaġa mhux tas-soltu li l-magni tal-GFF jaħdmu għal aktar minn 20 sena.

(91) Rigward il-kost tal-kiri, PGTEX Morocco ma pprovdietx il-kuntratti tal-kiri tagħha fit-tweġiba tagħha fil-formola tat-talba għal eżenzjoni, minkejja l-ispejjeż sinifikanti tal-kiri li ġarrbet fl-2020 ([26]). Fil-formola tat-talba għal eżenzjoni tiegħu, hija infurmat lill-Kummissjoni li kienet installat il-magni tal-GFF kollha tagħha f'post wieħed (impjant — fażi 1). Għall-bidu qalet li hija kriet dan l-impjant wieħed biss minħabba li qalet li kellha "sit tal-produzzjoni wieħed biss" minkejja li l-mistoqsija fil-formola tat-talba għal eżenzjoni kienet titlob li jiġu pprovduti l-indirizz tas-siti ta'

([25]) Bi tweġiba għall-Mistoqsija C.4.1 tal-kwestjonarju mimli ta' PGTEX Morocco SARL, PGTEX Morocco SARL iddikjarat li l-produzzjoni bdiet minn April 2020. Din id-dikjarazzjoni ġiet ikkonfermata mill-ġdid bħala tweġiba għall-mistoqsija 1 fil-paġna 1 tat-tweġiba tagħha dwar in-nuqqasijiet.

([26]) Il-Kummissjoni talbet fil-formola tat-talba għal eżenzjoni li kwalunkwe produttur li kkoopera għandu jipprovdi l-kuntratti ewlenin kollha, kemm minn partijiet relatati kif ukoll minn partijiet mhux relatati,

produzzjoni kollha tagħha. Sussegwentement, madankollu, PGTEX Morocco SARL, ipprovdiet żewġ kuntratti ta' kiri bħala tweġiba għall-ittra dwar in-nuqqasijiet tal-Kummissjoni, li jindikaw li PGTEX Morocco SARL kriet żewġ binjiet separati minn żewġ proprjetarji differenti matul il-perjodu ta' rapportar. Billi PGTEX Morocco SARL kienet iddikjarat preċedentement fil-formola tat-talba għal eżenzjoni tagħha li l-magni tal-GFF, li kienu operattivi matul l-2020, kienu installati biss f'wieħed minn dawn iż-żewġ impjanti mikrija, l-ammonti tal-kiri mġarrba fl-2020 għat-tieni impjant (il-fabbrika — il-fażi 2) kellhom jiġu esklużi mill-ispiża tal-kiri u l-ispiża tal-valur miżjud. Barra minn hekk, minħabba l-użu baxx tal-kapaċità, il-Kummissjoni, fil-kalkolu tagħha tal-kost tal-valur miżjud, lanqas ma setgħet taċċetta l-kost totali tal-kiri għall-impjant — il-fażi 1 billi ma ntużatx kompletament minħabba l-fatt li l-magni GFF ma kinux qed jipproduċu fl-ewwel trimestru tal-2020 u ma kinux qed jaħdmu b'kapaċità sħiħa matul it-trimestri l-oħra tal-2020. Il-kost totali tal-kiri kif irrapportat ma kienx aċċettat mill-Kummissjoni minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq.

(92) Wara l-iżvelar, il-Grupp PGTEX argumenta li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' valutazzjoni u aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament antidumping bażiku minħabba li l-Kummissjoni ma qisitx il-kost sħiħ tal-kiri.

(93) Il-Kummissjoni ċaħdet dan, fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet li ġejjin li kienu saru mill-Grupp PGTEX matul l-investigazzjoni. L-ewwel, fit-tweġiba tiegħu għall-ittra dwar in-nuqqasijiet ([27]), il-Grupp PGTEX irrefera biss għall-impjant - fażi 1 għall-produzzjoni tiegħu, għall-ħażna tiegħu tal-materja prima u l-prodotti finali, u ż-żona amministrattiva. It-tieni nett, fit-tweġiba tiegħu għall-ittra dwar in-nuqqasijiet ([28]), il-Grupp PGTEX qal li l-magni GFF tiegħu, li kienu qed jaħdmu fl-2020, kienu jinsabu kollha fl-impjant — fażi 1. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeduċiet li l-ebda waħda minn dawn il-magni, li kienu operattivi fl-2020, ma kienet tinsab fl-impjant — fażi 2. Dan kien ikkorroborat ukoll minn dikjarazzjonijiet oħra tal-Grupp PGTEX fit-tweġiba tiegħu dwar in-nuqqasijiet ([29]).

(94) Billi ġew aġġustati l-kostijiet rapportati tad-deprezzament u tal-kiri, huma u jitqiesu l-kwistjonijiet spjegati hawn fuq, il-valur miżjud medju li b'hekk ġie stabbilit tul il-perjodu tar-rapportar instab li kien taħt il-limitu ta' 25 % stabbilit bl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament antidumping bażiku. Xi elementi oħra ta' spejjeż instabu li kienu sopravalutati wkoll, iżda ma ġewx aġġustati billi tali aġġustamenti kienu jwasslu biss għal perċentwal saħansitra aktar baxx ta' valur miżjud. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-valur miżjud għall-partijiet li ddaħħlu, tul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew tlestija, kien inqas minn 25 % tal-kost tal-manifattura, kif meħtieġ bl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament antidumping bażiku biex dawn l-operazzjonijiet jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni.

(95) Kien għalhekk konklużż li t-tieni kriterju stipulat fl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament antidumping bażiku – applikat b'analoġija fid-dawl tal-għażla tal-kliem fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku wkoll kien issodisfat.

### 2.7. **Imminar tal-effett rimedjali tad-dazju**

(96) F'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-prodott investigat, f'termini ta' kwantitajiet u ta' prezzijiet, kinux jimminaw l-effetti rimedjali tal-miżuri attwalment fis-seħħ.

(97) Rigward il-kwantitajiet, iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-GFF mill-Marokk kienet sinifikanti, kif spjegat fil-premessa (48) hawn fuq. L-importazzjonijiet tal-2020 mill-Marokk kienu diġà għaxar darbiet ogħla, minn 277 tunnellata biss fl-2019 għal 2 809 tunnellata fl-2020. Fl-istess ħin, il-konsum tal-Unjoni għas-sena 2020 ġie stmat mill-applikant li huwa f'firxa ta' bejn 135 000 u 140 000 tunnellata. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Marokk irrappreżenta għalhekk aktar minn 2 %.

(98) Rigward il-prezzijiet, il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju mhux dannuż kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali antisussidji mal-medja ponderata tal-prezzijiet tal-esportazzjoni CIF iddeterminata fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta minn PGTEX Morocco SARL, aġġustata kif dovut biex tinkludi l-ispejjeż ta' wara l-iżdoganar. Dan it-tqabbil tal-prezzijiet wera li l-importazzjonijiet minn PGTEX Morocco SARL biegħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'aktar minn 10 %.

(99) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri eżistenti ġew imminati, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwantitajiet u prezzijiet, mill-importazzjonijiet mill-Marokk li huma soġġetti għal din l-investigazzjoni.

([27]) Tweġiba dwar in-nuqqasijiet rigward PGTEX Morocco SARL: Tweġiba għall-mistoqsija 7, paġna 20.
([28]) Tweġiba dwar in-nuqqasijiet rigward PGTEX Morocco SARL: Tweġiba għall-mistoqsija 6 c, paġna 20.
([29]) Tweġiba dwar in-nuqqasijiet rigward PGTEX Morocco SARL: Tweġiba għall-mistoqsija 9 m, ii, paġna 23.

(100) Wara d-divulgazzjoni, il-Grupp PGTEX qal li l-kalkolu mill-Kummissjoni tal-prezz mhux dannuż kien jirrifletti biss is-sitwazzjoni prevalenti fl-2018. Madankollu, ma pprovdiet l-ebda evidenza li l-prezz mhux dannuż użat mill-Kummissjoni ma kienx preċiż u/jew kien naqas mill-2018. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

2.8. **Evidenza tas-sussidjar**

(101) F'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk il-prodott simili importat u/jew partijiet minnu għadux jibbenefika mis-sussidju.

(102) Kif stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776, il-produtturi esportaturi Ċiniżi nstabu li kienu qed jibbenefikaw minn numru ta' skemi ta' sussidju mogħtija mill-Gvern tar-RPĊ, kif ukoll minn gvernijiet reġjonali u lokali fiċ-Ċina. F'dan ir-rigward, PGTEX China u CPIC instabu li jibbenefikaw ukoll minn għadd ta' skemi ta' sussidju bħal mgħax preferenzjali fuq self, programmi ta' għotjiet, u benefiċċji tat-taxxa.

(103) Ma saret disponibbli l-ebda informazzjoni ġdida f'din l-investigazzjoni li tqajjem dubju dwar il-konklużjoni mill-investigazzjoni inizjali li tali skemi ta' sussidju ma kinux għadhom validi.

(104) PGTEX China hija l-kumpanija omm ta' PGTEX Morocco SARL, fejn din il-kumpanija tal-aħħar xtrat 100 % tal-faxex tal-fibra tal-ħġieġ li użat mill-kumpanija omm relatata tagħha PGTEX China, li min-naħa tagħha xtrathom mingħand is-CPIC, il-manifattur ta' dawn il-faxex tal-fibra tal-ħġieġ.

(105) Trasferiment ta' sussidji bejn partijiet relatati jista' jiġi preżunt legalment ([30]), b'mod partikolari meta l-kumpanija downstream relatata kienet qed tassembla u tesporta l-prodott finali lejn l-Unjoni. F'dan il-każ, minħabba li PGTEX China u PGTEX Morocco SARL jagħmlu u jesportaw il-GFF, u jużaw il-faxex tal-fibra tal-ħġieġ manifatturati minn CPIC, l-ammont ta' sussidji kumpensabbli mogħtija lilhom jenħtieġ li jqis il-fatt li, minħabba r-relazzjoni tagħhom, huma kapaċi jgħaddu dawk il-benefiċċji għall-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni kif jidhrilhom xieraq.

(106) Il-Kummissjoni għaldaqstant, ikkonkludiet li l-prodott simili importat u/jew partijiet minnu għadhom ibbenefikaw mis-sussidju.

(107) Wara l-iżvelar, il-Grupp PGTEX qal li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-importazzjonijiet tal-GFF mill-Marokk għadhom jibbenefikaw minn sussidji mogħtija lill-produtturi Ċiniżi tal-GFF għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, l-investigazzjoni antisussidji oriġinali (ara l-premessa (1)) ma kinitx relatata mas-sussidjar tal-faxex u l-ħjut tal-fibra tal-ħġieġ, iżda kienet relatata biss mas-sussidjar tal-GFF, li huwa prodott differenti. It-tieni, l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ mhumiex koperti mir-Regolament bażiku billi ma jistgħux jirriżultaw f'sussidju, mogħti jew mill-pajjiż tal-oriġini jew mill-pajjiż tal-esportazzjoni, li jibbenefika lill-prodott li allegatament ikun ġie evitat. It-tielet, l-akkwisti li PGTEX Morocco għamlet mingħand PGTEX China, u x-xiri li PGTEX China għamlet minn CPIC kienu f'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Grupp PGTEX qal li PGTEX China spiss ħallset prezz ogħla meta mqabbel ma' klijenti oħra ta' CPIC. B'riżultat ta' dan, CPIC ma għaddiex benefiċċji minn sussidji lil PGTEX China, u sussegwentement lil PGTEX Morocco.

(108) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-allegazzjonijiet għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, anki jekk l-investigazzjoni antisussidji oriġinali kienet l-ewwel nett relatata mas-sussidjar tal-GFF, il-Grupp PGTEX ikkoopera bis-sħiħ matul tali investigazzjoni. F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni antisussidji oriġinali wriet li kemm is-CPIC kif ukoll PGTEX China, li huma relatati ma' PGTEX Morocco SARL, irċevew sussidji mill-Gvern Ċiniż. It-tieni, kif diġà msemmi fil-premessa (33), l-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku jkopri wkoll prattiki ta' ċirkomvenzjoni oħrajn, li mhumiex elenkati espliċitament f'dak l-Artikolu, bħall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ. It-tielet, kif spjegat fil-premessa (105), trasferiment ta' sussidji bejn partijiet relatati jista' jiġi preżunt legalment, b'mod partikolari meta l-kumpanija downstream relatata kienet qed tassembla u tesporta l-prodott finali lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, trasferiment lejn kumpaniji relatati jista' jseħħ b'ħafna modi (bħal pereżempju billi jintalbu ċerti tariffi ta' ġestjoni), u mhuwiex neċessarjament limitat għal-livell tal-prezzijiet tal-materjal ta' input mitlub lill-klijenti. Fi kwalunkwe każ, tqabbil tal-prezzijiet tal-faxex u l-ħjut tal-fibra tal-ħġieġ, ibbażat fuq it-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju, wera li PGTEX China talbet prezzijiet aktar baxxi lil PGTEX Morocco SARL milli lil klijenti oħra matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

([30]) Rapport tal-Korp Permanenti tal-Appell, *United States – Final Countervailing Duty Determination with respect to Certain Softwood Lumber from Kanada*, WT/DS257/AB/R, 19 ta' Jannar 2004, para. 143)

### 3. **Miżuri**

(109) Fuq il-bażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kienet qed issir ċirkomvenzjoni tal-miżuri kumpensatorji definittivi imposti fuq l-importazzjonijiet ta' GFF li joriġinaw fir-RPĊ permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat konsenjati mill-Marokk minn PGTEX Morocco SARL. Minħabba li l-bejgħ ta' esportazzjoni rrapportat ta' PGTEX Morocco SARL kien ogħla mill-importazzjonijiet totali lejn l-Unjoni mill-Marokk, u l-ebda kumpanija oħra fil-Marokk ma ppreżentat lilha nfisha biex titlob eżenzjoni, il-Kummissjoni qieset li PGTEX kienet tirrappreżenta l-esportazzjonijiet kollha ta' GFF mill-Marokk lejn l-Unjoni. Għalhekk, hija kkonkludiet li r-riżultat dwar il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni misjuba fir-rigward ta' PGTEX Morocco SARL kellhom jiġu estiżi għall-pajjiż kollu.

(110) Ma nstabet l-ebda evidenza dwar iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri kompensatorji fuq il-GFF li jinvolvu l-Eġittu. Kif issemma qabel, PGTEX Morocco SARL xtrat il-faxex tal-fibra tal-ħġieġ kollha tagħha miċ-Ċina u xejn fl-Eġittu. Għalhekk, l-investigazzjoni rigward l-allegata ċirkomvenzjoni tal-GFF li joriġina fl-Eġittu għandha tintemm.

(111) Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 23(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antisussidji fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' GFF li joriġina fiċ-Ċina jenħtieġ li jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-prodott investigat.

(112) Skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament bażiku, il-miżura li għandha tiġi estiża jenħtieġ li tkun dik stabbilita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha", li hija dazju kumpensatorju definittiv ta' 30,7 % applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju doganali.

(113) Skont l-Artikoli 23(3) u 24(5) tar-Regolament bażiku, li jipprevedu li kwalunkwe miżura estiża jenħtieġ li tapplika għall-importazzjonijiet li daħlu fl-Unjoni skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament ta' bidu, iridu jinġabru d-dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati tal-prodott li qed jiġi investigat.

### 4. **Talba għall-eżenzjoni**

(114) PGTEX Morocco SARL kienet l-unika kumpanija Marokkina li talbet eżenzjoni mill-miżuri estiżi possibbli f'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku.

(115) Kif deskritt hawn fuq, instab li PGTEX Morocco SARL kienet involuta fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Għalhekk, ma tistax tingħata eżenzjoni lil din il-kumpanija skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku.

### 5. **Żvelar**

(116) Fl-20 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet ta' hawn fuq u stednithom jikkummentaw.

(117) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta ("GFF") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ"), huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet ta' materjali ta' faxex u/jew raden minsuġa u/jew ta' filament kontinwu meħjut ta' fibra tal-ħġieġ b'elementi oħrajn jew mingħajrhom, eskluži prodotti li huma imprenjati jew preimprenjati (pre-preg), u eskluži materjali bil-malja miftuħa b'ċelloli ta' daqs akbar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u b'piż ta' aktar minn 35 g/m$^2$, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM *ex* 7019 61 00, *ex* 7019 62 00, *ex* 7019 63 00, *ex* 7019 64 00, *ex* 7019 65 00, *ex* 7019 66 00, *ex* 7019 69 10, *ex* 7019 69 90, *ex* 7019 72 00, ex 7019 73 00, *ex* 7019 80 10, *ex* 7019 80 90, u ex 7019 90 00, konsenjati mill-Marokk, sew humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk u sew jekk le (kodiċijiet TARIC 7019 61 00 81, 7019 62 00 81, 7019 63 00 81, 7019 64 00 81, 7019 65 00 81, 7019 66 00 81, 7019 69 10 81, 7019 69 90 81, 7019 72 00 81, 7019 73 00 81, 7019 80 10 81, 7019 80 90 81, u 7019 90 00 81).

2. Id-dazju estiż huwa d-dazju kumpensatorju ta' 30,7 % applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

3. Id-dazju estiż bil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Marokk, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk kif ukoll jekk le, irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/863 u l-Artikoli 23(4) u 24(5) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

L-investigazzjoni mibdija bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/863 tad-28 ta' Mejju 2021 rigward iċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' GFF li joriġinaw fl-Eġittu minn importazzjonijiet li joriġinaw fil-Marokk, sew humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk u sew jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni, hija mitmuma.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet doganali huma ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/863, li b'dan huwa mħassar.

*Artikolu 4*

It-talba għal eżenzjoni mressqa minn PGTEX Morocco SARL hija miċħuda.

*Artikolu 5*

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiżi permezz tal-Artikolu 1 għandhom isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta lill-entità li tkun qiegħda titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Directorate-General for Trade
Directorate G Office:
CHAR 04/39
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

2. F'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2016/1037, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jevadux il-miżuri kumpensatorji imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/776, mid-dazju estiż bl-Artikolu 1.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN